# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 15 ta' Gunju 2001**

**Rikors numru 6/96**

**Numru 42**

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Carmen Abdilla, Molly Quirolo, Imelda Quirolo, Emanuel Quirolo, Carmela Quirolo u Mary Rose Abdilla.**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 1996 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fond Nru 1, Triq Sant' Antin, b'bieb iehor Nru 16, Triq Pjazza iz-Zghira, l-Birgu huwa mehtieg ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist tieghu ghandu jkun b'titolu ta' Dominju Pubbliku.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas

b'titolu ta' dominju pubbliku tal-fond fuq imsemmi huwa ta' tlettax-il Lira Maltin u tlietin centezmu (Lm13.30,0) fis-sena kif jidher mir-rapport tal-Perit Alfred Briffa A&CE tat-12 ta' Dicembru 1991 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-12 ta' April 1996 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tmintax-il Lira Maltija (Lm18.00) fis-sena.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' dominju pubbliku l-fond fil-Birgu fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar V Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabbilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap.88).

Ra d-dokumenti annessi mal-istess rikors (minn fol 4 et seq ibid).

Ra r-risposta tal-intimati ( a fol 19 ibid) li biha esponew:-

Illi fl-ewwel lok, l-esponent jindika illi l-occhio tar-rikors ghandu jigi korrett fis-sens illi “Carmela Quirolo” ghandha taqra “Carmela armla minn Lawrence Quirolo”. Dwar l-istess korrezzjoni, l-esponenti minn issa jiddikjaraw li m’ghandhom l-ebda oggezzjoni u pronti jaghtu ruhhom b’notifikati bir-rikors kif korrett, appena dan il-Bord jordna li ssir l-istess korrezzjoni,.

Illi fit-tieni lok, l-esponenti jirrelevaw illi l-premessa kif kontenuta fit-tielet paragrafu tar-rikors hija zbaljata, billi bl-ittra ufficjali tat-12 t’April 1996, l-esponenti ezigew kumpens annwali ta’ Lm30 (tletin lira Maltija) u mhux Lm18 (tmintax il-lira Maltija) kif ir-rikorrent zbaljatament indika fl-imsemmija premessa.

Illi l-kumpens annwali ghal trasferiment mill-esponenti favur ir-korrent, b’titolu ta’ dominju pubbliku, tal-fond indikat fl-istess rikors, m’ghandux ikun anqas minn tletin lira maltija (Lm30). Dana peress illi l-propjeta de quo hija kantuniera u kieku ghadha in ezistenza (billi r-rikorrenti qabdu u waqqghuha minghajr ebda awtorita) kien ikollha valur lokatizju ferm gholi, minhabba l-pozizzjoni taghha.

Illi l-valur lokatizju gust ghandu jizdied, kif tiddisponi l-ligi fl-Artikolu 27 (3) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta billi r-rikorrent qed jitlob illi jakkwista b'titolu ta' dominju pubbliku.

Ra l-atti kollha tal-kaz, inkluz in-nomina tal-Periti Teknici a fol 25 ibid kif ukoll ir-rapport tal-istess Periti Teknici anness mal-atti waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2001.

Ikkunsidra

Illi qed jintalab, ukoll, li jigi ffissat il-kumpens dovut in konnessjoni mal-akkwist ghall-skopjiet publici, tal-fond in kwistjoni b'titolu ta' Dominju Publiku.

Illi a basi:

a) tax-xhieda ta' Charles Forte (fol 30 sa 32 tal-atti) in rappresentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku "qua" "Land Valuation Officer";

b) ta' dik tal-intimata Imelda Quirolo (fol 35 tal-atti);

u 3) tar-rapport tal-Periti Teknici ta' dan il-Bord maghmul skond il-ligi in materia, (art 27 (13) ) tali kumpens ghall-istess post, ormai demolit ghandha tkun ta' Lm13.30,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa it-talbiet tar-rikorrenti u:

1. jordna lilll-intimati sabiex jitrasferixxu favur ir-rikorrenti, b'titolu ta' dominju pubbliku l-fond numru 1, Triq Sant'Antnin b'bieb iehor, numru 16, Triq Pjazza z-Zghira fil-Birgu;

2. jiffissa l-kumpens xieraq relattiv fl-ammont ta' Lm13.30,0 pagabbli mit-23 ta' Lulju 1991,

3. jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippublika l-att Publiku relattiv fis-27 ta' Lulju 2001 fid-9.00a.m. fl-istess Dipartiment;

4. jinnomina lill-Avukat Dottor Richard Sladden bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci;

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg